JANNAR 2019 - Nru. 468

Kien ħabs mistkerraħ minn kulħadd għall-mod kif kienu jiġu ttrattati l-ħabsin ta' ġo fih.

Kien hemm saċerdot li minħabba f'hekk kien jinkwieta għall-ħabsin, u mhux l-ewwel darba li mar jiltaqa' ma' uħud minnhom biex, waqt li jwasslilhom il-kelma t'Alla, jagħmlilhom ftit kuraġġ.

Darba waħda, fil-qalba ta' xitwa kiesħa, il-qassis mar iżur il-ħabsin li nġabru fil-bitħa sabiex jisimgħu dawk il-kelmtejn mingħandu. Hekk kif beda jitkellem, innota li wieħed mill-ħabsin kien qed iterter bil-bard, għax kien liebes ħafif għal dak it-temp hekk kiesaħ u umduż. Imma dak il-ħin stess, wieħed ħabsi ieħor, li kien liebes ġakketta ħoxna biżżejjed sabiex tilqa' għal dak il-ksieħ, induna wkoll b'dak il-ħabsi mirżuħ bil-bard. X'għamel? Qam minn postu, mar ħdejh u newwillu l-ġakketta sabiex jilbisha.

Hawnhekk is-saċerdot waqaf u qal: 'Ħuti, jien ser nieqaf hawn għax dak il-ħabsi ħanin, bil-ġest tiegħu ta' mħabba u solidarjetà, għamel il -priedka kollha hu.'

Jaqaw idejk indaf?

Editorjal

it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

fuljett ta' kull xahar maħruġ minn grupp ta' talb fost Il-ħaddiema

Nru. 468
Jannar 2019

Ħbieb,
Raoul Follereau (araw il-ħarġa ta' Jannar 2017 dwaru) darba ħolom ...

'Ħlomt li rajt raġel quddiem Alla, jistenna l-ġudizzju. Dan ir-raġel qal lil Alla: Mulej jien dejjem osservajt il-Kmandamenti, qatt ma għamilt għemejjel żienja, qatt ma sraqt, qatt ma għamilt deni lill-proxxmu tiegħi. Mulej nitolbok ħares u ara kemm għandi jdejja ndaf.' U Alla wieġbu: 'Kliemek stess jixlik. Għandek idejk indaf; ma kellekx il-ħila tħammeġ idejk, jekk mhux għalik innifsek, almenu għall-oħrajn?'

Raoul jammetti li din il-ħolma għenitu biex jaħdem iżjed għall-oħrajn fil-bżonn.

Ħolma li fiha messaġġ għalina lkoll ħbieb. Għax meta aħna se nidhru quddiem Alla, hu ser jgħidilna: 'Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni ... u jkompli jgħidilna, 'kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi.' (Mt.25,35-40)

Jiġifieri mhux biżżejjed li wieħed ma jagħmel xejn ħażin biex ikollu kuxjenza f'postha. In-nisrani huwa fid-dmir li jagħmel it-tajjeb u l-ġid madwaru u ma' għajru, mhux biss li jmur il-knisja. Li jmur il-knisja iva, hu tajjeb, imma ma dan hemm marbuta l-għajnuna li rridu nagħtu lil xulxin bħala proxxmu ta' xulxin. Fuq hekk se jkun il-ġudizzju tagħna ... dak li kellna nagħmlu għamilnieh?

Gabriella tal-Unità

Maria Sagheddu (ritratt lemin) twieldet f'Sardinja fis-17 ta' Marzu 1914 f'familja kbira. Tilfet lil missierha f'età żgħira. Daħlet fl-Azzjoni Kattolika fejn kienet waħda mill-aktar membri akkaniti fiha. Kellha sens kbir ta' dover, karattru qawwi, safa u fedeltà. Kellha xi ftit effetti negattivi, ngħidu aħna: ras iebsa, xi ftit vjolenti u indifferenti għall-qdusija.

Iżda ta' 18-il sena, f'Maria saret bidla tremenda għat-tajjeb. Xejn ma nafu x'kienu ċ-ċirkustanzi ta' din il-konverżjoni. Tat lilha nnifisha għat-talb, għall-prattika sħiħa tar-reliġjon, u għall-karità lejn il-batuti. Ta' 21 sena ddeċidiet li tingħaqad mas-sorijiet Trappisti fil-Monasteru ta' Grottaferrata, qrib Ruma. Sellmet għall-aħħar darba lill-familjari tagħha u fit-13 ta' April 1936 ħadet il-libsa reliġjuża, u f'Ottubru tal-istess sena pprofessat u tawha l-isem ta' Maria Gabriella. F'jum il-professjoni, hi għamlet 'l-offerta żgħira' tagħha: 'Mulej agħmel minni dak li trid'.

Fis-sena 1938 fil-Knisja Kattolika beda Moviment biex isseħħ il-Għaqda bejn il-Knejjes Insara, u Marija Gabriella ħassitha mqanqla mill-kliem tal-ittra ta' Father Paul Conturier, 'l-Appostlu tal-Ekumeniżmu', ittra li kiteb lill-Madre Badessa tal-kunvent tagħha, u mill-ewwel talbet biex toffri ħajjitha biex isseħħ din l-għaqda. Il-Badessa qaltilha sabiex taħsibha sew u titkellem mal-kappillan. Dan qabel mat-talba, u hija ġiet aċċettata.

Però ftit tal-jiem wara, f'Maria Gabriella bdew jidhru sintomi tal-marda avvanzata tat-Tuberkolożi, u wara 15-il xahar ta' tbatija, hija mietet fit-23 ta' April 1939. Fil-25 ta' Jannar 1983, f'għeluq l-ottava ta' talb għall-Għaqda tal-Knejjes, il-Papa Ġwanni Pawlu II, fil-Bażilika ta' San Pawl Barra s-Swar, iddikjaraha Beata u sejħilha 'Gabriella tal-Unità'.

Hemm xi *ċans* għal futur aħjar ?

Nammettu li bħalissa jkollna xi ftit jew wisq entużjażmu għal futur aħjar, hekk kif għadna bdejna sena ġdida. Kif jista' jkollna futur aħjar?

L-ewwel jum tas-sena hu ddedikat kemm għall-Paċi fid-Dinja, kif ukoll għal Marija Omm Alla. Marija ta' Nażaret setgħet tingħata dan it-titolu għax hija laqgħet u aċċettat it-tħabbira tal-Anġlu Gabrijel li kienet se ssir Omm Alla.

Kemm hemm affarijiet sbieħ li nistgħu nitgħallmu minn Marija:
L-umiltà tagħha, is-silenzju tagħha, id-disponibbiltà tagħha, imma fuq kollox kemm kienet persuna mimlija bl-ispirtu ta' Alla.

Nerġgħu insaqsu lilna nfusna: Kif jista' jkollna futur aħjar?
Żgur li ma jkollniex futur aħjar jekk ma nħaddnux fina dawn il-virtujiet li kellha Marija fil-mixja tagħha fuq din l-art. Jekk ser nibqgħu suppervi u mhux umli, jekk ser nibqgħu inparlaw fil-vojt u mhux nużaw il-prudenza u s-silenzju, jekk ma nkunux disponibbli li ngħinu imma nibqgħu moħħna fina nfusna, jekk ser nibqgħu naduraw l-alla tal-flus u l-ġid tad-dinja (li jgħaddi) u mhux ser niżvujtaw lilna nfusna minn dan kollu biex inħallu l-ispirtu ta' Alla jidħol fina, inutli noħolmu f'futur aħjar.

U jekk niġu għal dan, lanqas il-paċi fid-dinja (li għaliha hu ddedikat ukoll dan l-ewwel jum) ma tista' tirrenja wisq jekk l-atteġġjament tal-bnedmin mhux ser jitjieb kif tgħallimna bl-eżempju tagħha Marija.

Irridu nibdew. Irridu niddeċiedu li ninbidlu. Irridu nkunu sinċieri magħna nfusna, nammettu li hemm fejn irridu nirranġaw u anki saħansitra fejn irridu nibdlu d-direzzjoni.

Mela ejjew ħbieb, ħalli bħal Marija Omm Alla nkunu lesti li ngħixu l-kelma tiegħu, u l-awgurju tas-Sena t-Tajba tassew jirnexxi.

Is-Sena t-Tajba.

Mis-suq tal-ħajja

Il-ħajja għalija hi suq! Suq li fih ninżel nixtri dak li verament għandi bżonn. U mhux dak li jogħġobni! Iltqajt ma' prodott li jismu ***għerf.*** Ftaħtu u sibt miktub fuqu dan li ġej:

Meta stajt ma ridtx u meta ridt ma stajtx!

Tajba din! Meta stajt tgħażżint. U meta ridt naħdem jew xjaħt inkella marritli saħħti! Barka f'dan il-mod ta' ħajja m'hemmx.

Ara Mulej, nitolbok tgħinni ħalli f'ħajti ma nimxix fuq dak li nħoss imma nimxi fuq dak li għandi nagħmel. Ħalli hekk, meta jiġi l-waqt li nagħlaq għajnejja għal din id-dinja, inkun nista' ngħid: Meta stajt qdejt. U meta ma stajtx faħħart lill-Mulej tas-saħħa li tani li meta stajt qdejt minn qalbi! Amen.

Patri Mario Attard OFM Cap

Niftakru fit-talb tagħna ...

... fir-ruħ ta' SAVIOUR ABELA, li jiġi ħu Mary Abela, ex-impjegata li ħadmet fl-Uffiċċju Distrettwali ta' Ħal-Balzan tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.



If you survived a storm,
you won't be bothered by the rain.

If it never rains,
Then we'll never grow.

Everybody wants happiness, nobody wants pain,
But you can't have a rainbow without a little rain.

DIREZZJONI *bis-sens*

Il-fini tal-bniedem fil-ħajja

Wistin kien fuq is-sodda tal-mewt, għax kellu marda serja. Huwa sejjaħ lill-ħabib tiegħu Franġisku, u bl-akbar serjetà talbu biex fuq il-qabar tiegħu jagħmel lapida b'dan il-kliem:

'Jien ġejt fid-dinja
għixt fid-dinja u ħriġt mid-dinja,
bla ma naf għalfejn dħalt fiha.'

Din hi sentenza li ta' min nirriflettu fuqha, sentenza li għandha tifħilna għajnejna biex fid-dinja mgħaġġla li qegħdin ngħixu fiha llum, f'dinja li tilfet ċerti valuri, naraw bis-serjetà x'inhu l-fini tal-bniedem fil-ħajja.

Fjask kbir

Ma ninsewx li din il-ħajja tgħaddi u tispiċċa, imma warajha hemm ħajja oħra - l-eternità. Ara ma jiġrilniex bħal Wistin, għax inkella nkunu għamilna fjask kbir f'ħajjitna li jaf ikun tard wisq biex nirranġawh. Tajjeb għalhekk li spiss neżaminaw u ngħarblu b'attenzjoni għal xiex qegħdin ngħixu fid-dinja, kif qed ngħaddu ħajjitna u x'inhuma l-prijoritajiet tagħna.

Sens ta' direzzjoni

X'inhu meħtieġ l-aktar? Ġesù: il-persuna tiegħu, il-kelma tiegħu, it-tagħlim tiegħu, l-imħabba tiegħu u l-għaqda miegħu. Għax Ġesù biss jagħtina sena ta' direzzjoni fil-ħajja tagħna.

Iva, Ġesù għandu jkun it-triq, il-verità u l-ħajja tagħna. Sar bniedem bħalna biex jurina x'inhu meħtieġ f'ħajjitna biex naħmu għas-salvazzjoni ta' ruħna wara din il-mixja tagħna hawn fid-dinja. Hu dejjem lest biex jgħinna f'kull diffikultà li jkollna, kif qalilna hu stess: 'Ejjew għandi intom li intom imtaqqlin u jien inserraħkom.'

X'lesta Alla

Mela importanti nżommu f'moħħna li aħna qegħdin ngħixu biex immorru ngawdu lil Alla fil-ġenna, Mill-bqija għalxejn inkunu qed ngħixu, anzi nkunu morna żmerċ! Fuq il-ġenna, ma ninsewx x'kien kiteb San Pawl: 'La għajn qatt ma rat, la widna qatt ma semgħet u lanqas qatt ma basret qalb il-bniedem, x'lesta Alla għal dawk li jħobbuh!' ***(1 Kor, 2,9)***

Niżżel fid-djarju tiegħek

It-Tlieta, 1 ta' Jannar 2019 - ***L-Ewwel Jum tas-Sena:***

Dan hu l-jum iddedikat għall-paċi fid-dinja, taħt il-ħarsien ta' Marija Omm Alla. Ħbieb, ma ninsewx li hemm l-obbligu tal-quddies;

Il-Ġimgħa, 4 ta' Jannar 2019 - ***L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar:***

Id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù għandha tħeġġiġna sabiex f'xi ħin tal-ġurnata nattendu għall-quddies u naraw li nkunu ppreparati f'ruħna sabiex nitqarbnu;

Is-Sibt, 5 ta' Jannar 2019 - ***L-Ewwel Sibt tax-Xahar***

Tkun ħaġa sabiħa li fl-ewwel Sibt tax-xahar nattendu għall-quddies u nkunu disposti li nitqarbnu, u ngħidu r-Rużarju b'devozzjoni lejn il-Qalb bla tebgħa ta' Marija.

Il-Ġimgħa, 18 ta' Jannar 2019 - ***Tibda l-Ottava ta' Talb***

Il-knisja tħeġġiġna biex f'dawn il-ġranet, aktar mis-soltu, nitolbu għall-għaqda fost l-insara;

Il-Ġimgħa, 25 ta' Jannar 2019 - ***Il-konverżjoni ta' San Pawl***

Tintemm l-Ottava ta' Talb għall-għaqda tal-Knejjes;

Il-Ħadd, 27 ta' Jannar 2019 - ***Jum il-Lebbrużi***

Tajjeb li fit-talb tagħna, speċjalment f'dan il-jum partikulari, nitolbu u niftakru f'dawk kollha li huma morda bil-lebbra jew mard li jittieħed, sabiex il-Mulej isabbarhom u jfejjaqhom.

Ħbieb tagħna li tgħinuna b'kull mod li tistgħu, aħna tad-Direzzjoni nixtiqulkom l-isbaħ xewqat għal SENA ĠDIDA mimlija BARKA TAL-MULEJ, PAĊI TA' VERA, u ĦAJJA MIBNIJA FUQ IS-SOD, FL-ISPIRTU TA' KRISTU.

Drops Of Laughter

A new student came to the class. After asking his name the teacher said, 'What does your father do?'
Student: 'Whatever Mom says'.

Teacher: Why doctors wear a mask when they do an operation?
Student: For safety. If the patient dies, others can't find out who did the operation.

Teacher: You promised me to submit me a paragraph, right?
Student: Yes Sir.
Teacher: And I also promised that if you fail to submit it, I will punish you, right?
Student: Yes Sir, so it will be fair if you break your promise too.

Drops Of Wisdom

Our lives begin to end the day we become silent about things that matter. *Martin Luther King, Jr.*

There are people in the world so hungry that God cannot appear to them except in the form of bread.
Mahatma Gandhi

Extreme poverty anywhere is a threat to human security everywhere. *Kofi Annan*

Qed niddedikaw din l-ewwel ħarġa tas-sena 2019 lil ħabiba tagħna li talbitna nitolbu għar-ruħ il-ġenituri tagħha. Waqt li aħna nirringrazzjawha għall-offerta tagħha, inwegħduha t-talb tagħna.

Id-Direzzjoni

Jekk tixtieq twaqqaf l-abbonament tiegħek f'dan il-fuljett, nitolbuk tinforma lid-direzzjoni billi tiktbilna fl-indirizz postali jew elettroniku li jidhru hawn taħt.

Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil: Paul Schembri
Indirizz: 73 'Terezita' Triq Birbal Balzan BZN 9015
Tel: 21440384 e-mail: it-triq@camline.net.mt w: www.it-triq.org